Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 92/40/KEE**

tad-19 ta' Mejju 1992

li tintroduċi miżuri Komunitarji għall-kontroll ta' l-influwenza ta' l-għasafar

(ĠU L 167 , 22.6.1992, p. 1)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003 ta' l-14 ta' April 2003	L 122	1	16.5.2003

Emendata minn:

►**A1**	Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja	C 241	21	29.8.1994
►**A2**	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

▼B

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 92/40/KEE

tad-19 ta' Mejju 1992

li tintroduċi miżuri Komunitarji għall-kontroll ta' l-influwenza ta' l-għasafar

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi t-tajr huwa elenkat fl-Anness II tat-Trattat; billi l-bejgħ ta' tajr huwa għajn importanti ta' introjtu għall-popolazzjoni agrikola;

Billi, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti fuq livell Komunitarju l-miżuri ta' kontroll li jridu jittieħdu fil-każ li tixtered il-forma ta' influwenza ta' l-għasafar li hija patoġenika ħafna, ikkawżata minn virus ta' l-influwenza b'karatteristiċi speċifiċi, u minn hawn il quddiem imsejħa l-influwenza ta' l-għasafar, sabiex jiġi żgurat żvilupp nazzjonali fis-settur tat-tajr u sabiex issir kontribuzzjoni lejn il-ħarsien tas-saħħa ta' l-annimali fil-Komunità;

Billi każijiet ta' influwenza ta' l-għasafar jistgħu malajr jieħdu proporzjonijiet epiżootiċi, li jikkawżaw imwiet u ħsara fuq skala li aktarx tista' tnaqqas b'mod drastiku l-vijabbiltà tal-biedja jew tat-tajr b'mod ġenerali;

Billi trid tittieħed azzjoni malli tiġi ssuspettata l-preżenza tal-marda sabiex ikunu jistgħu jittieħdu miżuri ta' kontroll immedjati u effettivi meta tiġi konfermata l-preżenza tagħha;

Billi huwa meħtieġ li l-marda ma titħalliex tixtered malli tibda, u dan billi jiġu sorveljati b'attenzjoni l-movimenti ta' l-annimali u l-użu ta' prodotti li aktarx jistgħu jkunu kontaminati, u meta xieraq, permezz ta' tilqim;

Billi d-dijanjosi tal-marda trid issir taħt l-awspiċji ta' laboratorji nazzjonali responsabbli, u l-koordinazzjoni tagħha trid tiġi żgurata mil-laboratorju ta' referenza tal-Komunità;

Billi miżuri komuni għall-kontroll ta' l-influwenza ta' l-għasafar tifforma bażi għaż-żamma ta' standard unifikat f'relazzjoni mas-saħħa ta' l-annimali;

Billi l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar infiq fil-qasam veterinarju ([4]) japplika fil-każ li tfaqqa' l-influwenza ta' l-għasafar;

Billi huwa xieraq li l-Kummissjoni tingħata l-inkarigu li tieħu l-miżuri applikatorji meħtieġa,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Din id-Direttiva tiddefinixxi l-miżuri ta' kontroll Komunitarji li jridu jiġ applikati f'każ li tfaqqa' l-influwenza ta' l-għasafar fit-tajr mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet Komunitarji li jirregolaw il-Kummerċ intra-Komunitarju.

Din id-Direttiva ma tapplikax jekk l-influwenza ta' l-għasafar tinstab f'għasafar oħrajn; madanakollu, f'dan il-każ, l-Istat Membru konċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar kull miżura li jieħu.

([1]) ĠU C 231, tal-5.9.1991, p. 4.
([2]) ĠU C 326, tas-16.12.1991, p. 242.
([3]) ĠU C 79, tat-30.3.1992, p. 8.
([4]) ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 19. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni 91/133/KEE (ĠU L 66, tat-13.3.1991, p. 81).

▼B

L-Artikolu 2

Għall-iskop ta' din id-Direttiva, id-definizzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE tal-15 ta' Ottubru 1990 dwar kondizzjonjiet ta' saħħa ta' l-annimali li jirregolaw kummerċ intra-Komunitarju, u importazzjonijiet minnpajjiżi terzi, ta' tajr u bajd li jfaqqas ([1]) għandhom japplikaw skond kif xieraq.

Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:

(a) *tajr infettat* għandu jfisser kull tajr:

— li fih il-preżenza ta' influwenza ta' l-għasafar, skond it-tifsira ta' l-Anness I, ġiet uffiċjalment konfermata wara eżami minn laboratorju approvat, jew

— fil-każ li tfaqqa' għat-tieni darba jew iżjed, ikunu jidhru sinjali kliniċi jew leżjonijiet post-mortem konsistenti ma' influwenza ta' l-għasafar;

(b) *tajr suspettat li huwa infettat* għandu jfisser kull tajr li juri sinjali kliniċi jew leżjonijiet post-mortem li huma tali li l-preżenza ta' influwenza ta' l-għasafar tista' tiġi suspettata raġonevolment jew kull tajr li fih instabet il-preżenza ta' l-influwenza virus A tas-sottotip H5 jew H7;

(ċ) *tajr suspettat li huwa kontaminat* għandu jfisser kull tajr li seta' ġie direttament jew indirettament espost għall-virus ta' l-influwenza ta' l-għasafar, jew virus ta' l-influwenza A tas-sottotip H5 jew tas-sottotip H7;

(d) *awtorità kompetenti* għandha tfisser l-awtorità kompetenti fis-sens ta' l-Artikolu 2(6) tad-Direttiva 90/425/KEE ([2]);

(e) *veterinarju uffiċjali* għandu jfisser veterinarju nnominat mill-awtorità kompetenti.

L-Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm notifika obbligatorja u immedjata tal-preżenza suspettata ta' l-influwenza ta' l-għasafar lill-awtorità kompetenti.

L-Artikolu 4

1. Meta t-tajr f'razzett ikunu suspettati li huma infettati jew kontaminati bl-influwenza ta' l-għasafar, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-veterinarju uffiċjali jattiva arranġamenti uffiċjali ta' investigazzjoni sabiex jikkonferma jew jeskludi l-preżenza tal-marda u, b'mod partikolari, irid jieħu jew iqabbad lil ħaddieħor jieħu l-kampjuni meħtieġa għal eżami f'laboratorju.

2. Malli l-infezzjoni suspettata tiġi notifikata, l-awtorità kompetenti għandha tpoġġi r-razzett taħt sorveljanza uffiċjali u għandha teżiġi b'mod partikolari li:

(a) jinżamm rekord tal-kategoriji kollha tar-razzett li juri fir-rigward ta' kull waħda mill-kategoriji n-numri ta' tajr li mietu, dawk li juru sinjali kliniċi, u dawk li ma juru ebda sinjal. Ir-rekord għandu jinżamm aġġornat sabiex jinkludi għasafar li twieldu jew li mietu waqt il-perjodu meta jkun hemm suspett. L-informazzjoni fir-rekord għandha tinżamm aġġornata u għandha tintwera meta ssir talba, u tista' tiġi kkontrollata f'kull żjara;

(b) it-tajr kollu miżmum fir-razzett jinżamm fil-kwatjieri ta' fejn jgħixu jew jinqaflu f'xi post ieħor fejn jistgħu jiġu iżolati u mingħajr kuntatt ma tajr ieħor;

(ċ) ebda tajr ma jista' jidħol jew jitlaq mill-bini;

(d) kull moviment

([1]) ĠU L 303, tal-31.10.1990, p. 6. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 91/496/KEE (ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 56).

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 (ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 29); emendata l-aħħar bid-Direttiva 91/496/KEE (ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 56).

▼B

— ta’ persuni, annimali oħrajn u vetturi lejn jew mir-razzett,

— ta’ laħam tat-tajr jew karkassi, jew ta’ għalf ta’ l-annimali, implimenti, skart, ħmieġ, demel jew kull ħaġa oħra li tista’ tittrasmetti l-influwenza ta’ l-għasafar għandu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti;

(e) il-bajd għandu jitlaq mir-razzett bl-eċċezzjoni ta’ bajd mibgħut direttament lil stabbiliment approvat għall-manifattura u/jew l-ipproċessar ta’ prodotti tal-bajd taħt l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 89/437/KEE ([1]), u ttrasportati taħt awtorizzazzjoni li ngħatat mill-awtorità kompetenti. Din l-awtorizzazzjoni trid tissodisfa r-rekwiżiti mniżżla fl-Anness I;

(f) jintużaw mezzi xierqa ta’ diżinfettazzjoni fid-daħliet u fil-ħruġ mill-bini fejn jinżamm it-tajr u tar-razzett innifsu;

(g) titmexxa inkjesta epiżootjoloġika skond l-Artikolu 7.

3. Sakemm jiġu inforzati l-miżuri uffiċjali mniżżla fil-paragrafu 5, issid jew dak li jieħu ħsieb it-tajr li fir-rigward tiegħu hemm suspett ta’ mard għandu jieħu kull azzjoni raġonevoli sabiex jiżgura konformità mal-paragrafu 2, ħlief għal (g).

4. L-awtorità kompetenti tista’ tapplika kull waħda mill-miżuri pprovduti fil-paragrafu 2 fir-rigward ta’ rziezet oħrajn jekk fejn jinsab joħolqu suspett raġonevoli ta’ possibbiltà ta’ kontaminazzjoni.

5. Il-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 m’għandhomx jiġu rtirati sakemm jiġi eliminat is-suspett ta’ influwenza ta’ l-għasafar mill-veterinarju uffiċjali.

L-Artikolu 5

1. Ladarba l-preżenza ta’ l-influwenza ta’ l-għasafar tkun ġiet uffiċjalment konfermata f’razzett, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tirrekjedi, flimkien mal-miżuri elenkati fl-Artikolu 4(2), li jittieħdu l-miżuri li ġejjin:

(a) li t-tajr kollu fuq ir-razzett għandu mingħajr dewmien jinqatel fuq il-post. It-tajr li jkun miet jew inqatel kif ukoll il-bajd kollu għandu jiġi meqrud. Dawn l-operazzjonijiet għandhom isiru b’mod li jimminimizza r-riskju li jixtered il-mard;

(b) kull sustanza jew skart, bħal għalf ta’ l-annimali, rimi jew demel li jistgħu jkunu kkontaminati, għandhom jinqerdu jew jiġu ttrattati b’mod xieraq. Dan it-trattament, imwettaq skond l-istruzzjonijiet tal-veterinarju uffiċjali, għandu jiżgura l-qerda ta’ kull virus ta’ l-influwenza ta’ l-għasafar preżenti;

(ċ) jekk tajr mir-razzett ikunu nqatlu waqt il-perjodu preżunt ta’ inkubazzjoni il-laħam minn dak it-tajr għandu kull fejn possibbli jiġi traċċat u meqrud;

(d) bajd li jkunu ħa jfaqqsu li jinbiedu waqt il-perjodu preżunt ta’ inkubazzjoni u li jkunu tneħħew mir-razzett għandhom jiġu rintraċċati u meqruda; imma tjur li jkunu diġa’ faqqsu mill-bajd għandhom jitpoġġew taħt sorveljanza uffiċjali; bajd tal-mejda li jinbiedu waqt il-perjodu preżunt ta’ inkubazzjoni li jkunu tneħħew mir-razzett għandhom kull meta jkun possibbli jiġu rintraċċati u meqruda, ħlief jekk ikunu ġew disinfettati sew minn qabel;

(e) wara li jitwettqu l-operazzjonijiet elenkati f’(a) u (b) il-bini użat biex jinżamm it-tajr, l-inħawi ta’ madwar, il-vetturi użati għat-trasport u l-apparat kollu li aktarx jista jkun kontaminat għandu jitnaddaf u jiġi disinfettat skond id- dispożizzjonijiet ta’ l-Artikolu 11;

(f) ebda tajr m’għandu jerġa’ jiddaħħal fir-razzett sa mill-inqas 21 jum wara li jitlestew l-operazzjonijiet provduti f’(e);

(g) għandha titmexxa inkjesta epiżootjoloġika skond l-Artikolu 7.

([1]) ĠU L 212, tat-22.7.1989, p. 87. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 89/662/KEE (ĠU L 395, tat-30.12.1989, p. 13).

▼B

2. L-awtorità kompetenti tista' testendi l-miżuri pprovduti fil-paragrafu 1 għal irziezet ġirien oħrajn jekk fejn jinsabu, kif ukoll il-konfigurazzjoni jew kuntatti tagħhom mar-razzett fejn il-marda ġiet konfermata jagħtu lok għal suspett raġonevoli ta' possibbiltà ta' kontaminazzjoni.

L-Artikolu 6

Fil-każ ta' rziezet li għandhom żewġ gruppi separati jew iżjed, l-awtorità kompetenti tista', skond il-kriterji ffissati mill-Kummissjoni taħt il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 21, tagħti deroga mir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 5(1), għal qatgħat f'saħħithom ta' razzett li m'huwiex infettat, sakemm il-veterinarju uffiċjali jkun ikkonferma li l-operazzjonijiet imwettqa huma tali li l-gruppi huma kompletament separati fir-rigward ta' akkomodazzjoni, kura u ikel, b'mod illi l-virus ma jistax jixtered minn qatgħa għall-oħra.

L-Artikolu 7

1. L-inkjesta epizootjoloġika għandha tittratta:

— it-tul ta' żmien ta' kemm setgħet tkun ilha teżisti l-influwenza ta' l-għasafar fir-razzett,

— l-oriġini possibbli ta' l-influwenza ta' l-għasafar fuq ir-razzett u l-identifikazzjoni ta' rziezet oħrajn li fihom m'hemm ebda tajr li seta ġie infettat jew ikkontaminat mill-istess għejun,

— il-moviment ta' persuni, tajr jew annimali oħrajn, vetturi, bajd, laħam u karkassi u kull impliment jew sustanza li aktarx setgħet iġġorr il-virus ta' l-influwenza ta' l-għasafar lejn jew mir-razzett ikkonċernat.

2. Sabiex tingħata koordinazzjoni sħiħa tal-miżuri kollha meħtieġa sabiex tiġi żgurata eradikazzjoni ta' l-influwenza ta' l-għasafar kemm jista' jkun malajr u sabiex tkun tista titmexxa l-inkjesta epidemjoloġika, għandu jiġi mwaqqaf dipartiment ta' kriżi.

Ir-regoli ġenerali li jikkonċernaw dipartimenti nazzjonali ta' kriżi u dipartimenti Komunitarji ta' kriżi għandhom jitniżżlu mill-Kunsill, li jaġixxi permezz ta' proposta b'maġġoranza kwalifikata mill-Kummissjoni.

L-Artikolu 8

1. Jekk il-veterinarju uffiċjali jkollu raġuni biex jissuspetta li t-tajr f'xi razzett seta' ġie kontaminat b'riżultat tal-moviment ta' persuni, annimali jew vetturi jew b'xi mod ieħor, dak ir-razzett għandu jitpoġġa taħt kontroll uffiċjali skond il-paragrafu 2.

2. L-iskop tal-kontroll uffiċjali għandu jkun li jiġi kopert immedjatament kull suspett ta' influwenza ta' l-għasafar, li jingħaddu t-tajr u li jiġu ssorveljati l-movimenti tagħhom u, meta xieraq, li tittieħed l-azzjoni prevista fil-paragrafu 3.

3. Meta razzett ikun soġġett għall-kontroll uffiċjali taħt il-paragrafi 1 u 2, l-awtorità kompetenti għandha tipprojbixxi t-tneħħija ta' tajr mir-razzett ħlief għal trasport direttament lejn il-biċċerija taħt sorveljanza uffiċjali għall-iskop ta' qtil immedjat. Qabel ma jagħti din l-awtorizzazzjoni, il-veterinarju uffiċjali irid ikun wettaq eżami kliniku tat-tajr kollu sabiex jeskludi l-preżenza ta' influwenza ta' l-għasafar fuq ir-razzett. Ir-restrizzjonijiet fuq il-moviment imsemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu imposti għal perjodu ta' 20 jum mill-aħħar data ta' kontaminazzjoni potenzjali; madanakollu, dawn ir-restrizzjonijiet iridu japplikaw għal perjodu ta' mill-inqas sebat ijiem.

4. Jekk jidhrilha li l-kondizzjonijiet jippermettu, l-awtorità kompetenti tista' tillimita l-miżuri pprovduti f'dan l-Artikolu għal parti tar-razzett u għat-tajr li jinsab hemm ġew, sakemm it-tajr ikun ġie akkomodat, miżmum u mogħti l-għalf b'mod kompletament separat minn persunal separat.

▼B

L-Artikolu 9

1. Ladarba d-dijanjosi ta' influwenza ta' l-għasafar tkun ġiet konfermata uffiċjalment, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tistabbilixxi madwar ir-razzett infettat żona ta' protezzjoni ibbażata fuq radju minimu ta' tliet kilometri, liema żona ta' protezzjoni tinsab ġewwa żona ta' sorveljanza b'radju minimu ta' 10 kilometri. It-twaqqif ta' żoni jrid jikkunsidra fatturi ġeografiċi, amministrattivi, ekoloġiċi u epiżootjoloġiċi li għandhom x'jaqsmu ma' l-influwenza ta' l-għasafar, kif ukoll faċilitajiet ta' sorveljanza.

2. Il-miżuri applikati fiż-żona ta' protezzjoni għandhom jinkludu:

(a) l-identifikazzjoni ta' l-irziezet kollha li għandhom it-tajr ġewwa ż-żona;

(b) żjariet perjodiċi lill-irziezet kollha li għandhom it-tajr, eżami kliniku ta' dak it-tajr inkluż, jekk meħtieġ, il-ġabra ta' kampjuni għal eżami fil-laboratorju; irid jinżamm rekord taż-żjarat u tas-sejbiet;

(ċ) iż-żamma tat-tajr kollu fil-kwartieri ta' fejn jgħixu jew fejn jistgħu jiġu iżolati;

(d) l-użu ta' mezzi xierqa ta' disinfettazzjoni fid-dħul u fil-ħruġ tar-razzett;

(e) il-kontroll ta' movimenti ta' persuni li jġorru tjur, karkassi tat-tjur, u bajd u vetturi li jġorru tjur, karkassi u bajd ġewwa ż-żona; b'mod ġenerali, it-trasport ta' tajr għandu jkun projbit, ħlief għal transitu permezz ta' awtostradi jew linji tal-ferrovija maġġuri;

(f) projbizzjoni fuq it-tneħħija ta' tajr u bajd li jfaqqas mir-razzett fejn jinżammu sakemm l-awtorità kompetenti ma tkunx awtorizzat it-trasport

(i) ta' tajr għal qtil immedjat lejn biċċerija li preferibbilment tinsab fiż-żona infettata jew, jekk dak ma jkunx possibbli, lejn biċċerija nominata mill-awtorità kompetenti barra ż-żona infettata. Il-marka speċjali ta' saħħa pprovduta mill-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 91/494/KEE ([1]) irid jiġi applikat għal dan il-laħam tat-tajr;

(ii) ta' flieles li għandhom biss ġurnata jew ta' tiġieġ li jkunu waslu biex ibidu lejn razzett ġewwa ż-żona ta' sorveljanza fejn ma jkun hemm ebda tajr ieħor. Dan ir-razzett irid jitpoġġa taħt il-kontroll uffiċjali pprovdut fl-Artikolu 8(2);

(iii) ta' bajd li jfaqqas lejn post fejn ifaqqas il-bajd nominat mill-awtorità kompetenti; qabel ma jintbagħtu, il-bajd u l-imballaġġ tagħhom iridu jiġu disinfettati. Il-movimenti permessibbli f(i), (ii) u (iii) għandhom jiġu eżegwiti direttament, taħt kontroll uffiċjali. Għandhom jiġu awtorizzati biss wara li l-veterinarju uffiċjali jkun għamel spezzjoni ta' saħħa tar-razzett. Il-mezzi ta' trasport użati iridu jiġu mnaddfa u disinfettati qabel u wara l-użu uffiċjali ta' kollaborazzjoni;

(g) projbizzjoni fuq it-tneħħija jew il-frix ta' skart użat jew demel tat-tajr mingħajr awtorizzazzjoni;

(h) il-projbizzjoni ta' fieri, swieq, wirjiet jew ġabriet oħrajn ta' tajr jew għasafar oħrajn.

3. Il-miżuri applikati fiż-żona ta' ħarsien għandhom jinżammu għal mill-inqas 21 jum wara li jsiru operazzjonijiet preliminari ta' tindif u disinfettazzjoni fuq ir-razzett infettat skond l-Artikolu 11. Iż-żona ta' protezzjoni għandha sussegwentement tkun parti miż-żona ta' sorveljanza.

4. Il-miżuri applikati fiż-żona ta' sorveljanza għandhom jinkludu:

(a) l-identifikazzjoni ta' l-irziezet kollha li għandhom it-tajr ġewwa ż-żona;

(b) il-kontroll tal-moviment tat-tajr u tal-bajd li jfaqqas ġewwa ż-żona;

([1]) ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 35.

▼B

(ċ) projbizzjoni fuq il-moviment ta' tajr barra miż-żona waqt l-ewwel 15-il jum, ħlief għal moviment direttament lejn biċċerija barra ż-żona ta' sorveljanza nominata mill-awtorità kompetenti. Il-marka ta' saħħa speċjali pprovduta fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 91/494/KEE trid tiġi applikata għal dan il-laħam tat-tajr;

(d) projbizzjoni fuq il-moviment ta' bajd li jfaqqas bara ż-żona ta' sorveljanza ħlief jekk lejn post tat-tfaqqis innominat mill-awtorità kompetenti. Qabel ma jintbagħtu l-bajd u l-imballaġġ tagħhom iridu jiġu disinfettati;

(e) projbizzjoni fuq il-moviment ta' skart użat jew demel tat-tajr barra miż-żona;

(f) il-projbizzjoni ta' fieri, swieq, wirjiet jew ġabriet oħrajn ta' tajr jew għasafar oħrajn.

(g) mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' (a) u (b), il-projbizzjoni ta' trasport ta' tajr ħlief għal transitu permezz ta' awtostradi jew linji tal-ferroviji prinċipali.

5. Il-miżuri applikati fiż-żona ta' sorveljanza għandhom jinżammu għal mill-inqas 30 jum wara li jsiru operazzjonijiet preliminari ta' tindif u disinfettazzjoni fuq ir-razzett infettat skond l-Artikolu 11.

6. Jekk iż-żoni jkunu jinsabu fit-territorju ta' iktar minn Stat Membru wieħed, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkooperaw billi jistabbilixxu ż-żoni deskritti fil-paragrafu 1. Madanakollu, jekk ikun meħtieġ, iż-żona ta' ħarsien u ż-żona ta' sorveljanza għandhom jiġu stabbiliti permezz tal-proċedura pprovduta fl-Artikolu 21.

L-Artikolu 10

L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi:

(a) l-awtorità kompetenti tistabbilixxi l-arranġamenti li jippermettulhom li jintraċċaw il-moviment ta' bajd u tjur;

(b) is-sid jew min jieħu ħsieb it-tjur huwa meħtieġ li jissupplixxi lill-awtorità kompetenti, b'risposta għal kull talba minn dik l-awtorità, b'informazzjoni li tirrigwarda tajr u bajd li jidħol jew joħroġ mir-razzett tiegħu;

(ċ) il-persuni kollha imqabbda biex jaħdmu fit-trasport jew tpoġġija fuq is-suq ta' tjur u bajd huma kapaċi jissupplixxu lill-awtorità kompetenti b'informazzjoni li tirrigwarda l-movimenti ta' tjur u bajd li huma ttrasportaw jew poġġew fuq is-suq u li jagħtu d-dettalji kollha dwar din l-informazzjoni.

L-Artikolu 11

L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi:

(a) id-disinfettanti li jridu jintużaw u l-konċentrazzjonijiet tagħhom huma approvati uffiċjalment mill-awtorità kompetenti;

(b) l-operazzjonijiet ta' tindif u ta' disinfettazzjoni jitwettqu taħt sorveljanza uffiċjali, b'mod konformi ma':

(i) struzzjonijiet mogħtija mill-veterinarju uffiċjali,

(ii) il-proċedura għat-tindif u d-disinfettazzjoni ta' razzett disinfettat, kif stipulat fl-Anness II.

L-Artikolu 12

Ġabra ta' kampjuni u testijiet tal-laboratorju sabiex tiġi skoperta l-preżenza tal-virus ta' l-influwenza ta' l-għasafar għandha titwettaq skond l-Anness III.

L-Artikolu 13

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tieħu l-miżuri meħtieġa kollha sabiex il-persuni li huma stabbiliti fiż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza jiġu infurmati dwar ir-restrizzjonijiet fis-seħħ u sabiex jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa kollha għall-implimentazzjoni xierqa tal-miżuri kkonċernati.

▼B

L-Artikolu 14

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'kull Stat Membru jiġi nominat:

(a) laboratorju nazzjonali fejn jinżammu faċilitajiet u persunal b'ħila esperta sabiex tkun tista ssir valutazzjoni tal-patoġeniċità ta' iżolati tal-virus ta' l-influwenza, b'mod konformi ma' l-Anness III, il-Kapitolu 7, u identifikazzjoni ta' tipi ta' virus ta' l-influwenza A tas-sottotipi H5 jew H7;

(b) laboratorju nazzjonali fejn jiġu ttestjati reaġenti għal użu f'laboratorji reġjonali;

(ċ) istitut jew laboratorju nazzjonali fejn jistgħu jiġu ttestjati r-tilqim awtorizzati sabiex jiġi verifikat jekk dawn jikkonformawx ma' l-ispeċifikazzjonijiet imniżżla fl-awtorizzazzjoni għat-tpoġġija fuq issuq.

2. Il-laboratorji nazzjonali elenkati fl-Anness IV għandhom ikunu responsabbli sabiex jikkoordinaw standards u metodi ta' dianjosi, użu ta' reaġenti u l-ittestjar ta' tilqim.

3. Il-laboratorji nazzjonali elenkati fl-Anness IV għandhom ikunu responsabbli sabiex jikkoordinaw l-istandards u l-metodi ta' dijanjosi mniżżla f'kull laboratorju dianjostiku ta' influwenza ta' l-għasafar ġewwa l-Istat Membru. Għal dan il-għan:

(a) jistgħu jipprovdu reaġenti dianjostiċi lil-laboratorji nazzjonali;

(b) huma għandhom jikkontrollaw il-kwalità tar-reaġenti dianjostiċi kollha użati f'dak l-Istat Membru;

(ċ) għandhom jirranġaw testijiet kumparattivi perjodikament;

(d) għandhom iżommu isolati tal-virus ta' l-influwenza ta' l-għasafar minn każijiet ikkonfermati f'dak l-Istat Membru;

(e) għandhom jiżguraw il-konferma ta' riżultati posittivi miksuba f'laboratorji reġjonali dijanjostiċi.

4. Il-laboratorji nazzjonali elenkati fl-Anness IV għandhom jikkoordinaw mal-laboratorju ta' referenza tal-Komunità msemmi fl-Artikolu 15.

L-Artikolu 15

Il-laboratorju ta' referenza Komunitarju għall-influwenza ta' l-għasafar huwa msemmi fl-Anness V. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 90/424/KEE, u b'mod partikolari l-Artikolu 28 ta' din, il-poteri u doveri tal-laboratorju għandhom ikunu dawk li jidhru fl-imsemmi Anness.

L-Artikolu 16

Tilqim kontra l-influwenza ta' l-għasafar permezz ta' tilqim awtorizzat mill-awtorità kompetenti jista' jintuża biss sabiex jissupplimenta l-miżuri ta' kontroll imwettqa meta tfeġġ il-marda u skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-deċiżjoni li tiġi introdotta l-tilqima sabiex tissupplimenta miżuri ta' kontroll għandha tittieħed mill-Kummissjoni b'kollaborazzjoni ma l-Istat Membru kkonċernat, li għandu jaġixxi skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 21. Din id-deċiżjoni għandha tagħti kas partikolari tal-punti segwenti:

— il-konċentrazzjoni ta' tajr fiż-żona affettwata,

— il-karatteristiċi u l-kompożizzjoni tat-tilqim li jrid jintuża,

— il-proċeduri għas-sorveljanza tad-distribuzzjoni, il-ħażna u l-użu tat-tilqim,

— l-ispeċi u l-kategoriji ta' tajr li għandhom ikunu soġġetti għal tilqim,

— iż-żoni fejn għandu jitwettaq it-tilqim.

▼B

Madanakollu, permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, id-deċiżjoni li jiġi introdott tilqim ta' emerġenza madwar fejn ifaqqas il-virus tista' tittieħed mill-Istat Membru kkonċernat, wara notifika lill-Kummissjoni, sakemm l-interessi fundamentali tal-Komunità ma jiġux ipperikolati. Din id-deċiżjoni trid tiġi eżaminata mill-ġdid immedjatament fi ħdan il-Kumitat Veterinarju Permanenti skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 21;

(b) jekk Stat Membru jkun awtorizzat, skond il-punt (a), sabiex jirrikorri għal tilqim ta' emerġenza fuq parti limitata tat-territorju tiegħu l-istatus tal-kumplament tat-territorju m'għandux jiġi affettwat, sakemm il-miżuri ta' immobilizzazzjoni għall-annimali mlaqqma jknu effettivi waqt perjodu li jrid jiġi determinat skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 21.

L-Artikolu 17

1. Kull Stat Membru għandu jħejji pjan ta' kontinġenza, li jispeċifika l-miżuri nazzjonali li jridu jiġu implimentati f'każ li tfaqqa' l-influwenza ta' l-għasafar.

Dan il-pjan għandu jħalli wisa' għall-aċċess tal-faċilitajiet, it-tagħmir, il-persunal u kull materjal xieraq meħtieġ għall-eradikazzjoni mħaffa u effiċjenti ta' l-imxija.

2. Il-kriterji li jridu jiġi applikati fit-tħejjija tal-pjan huma mniżżla fl-Anness VI.

3. Pjanijiet mħejjija skond il-kriterji elenkati fl-Anness VI għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni mhux iktar tard minn sitt xhur wara li din id-Direttiva tiddaħħal fis-seħħ.

4. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-pjanijiet sabiex tistabbilixxi jekk jippermettux li jintlaħqu l-għanijiet mixtieqa u għandha tissuġġerixxi lill-Istat Membru konċernat kull emendi meħtieġa, partikolarment sabiex jiġi żgurat li huma kumpatibbli ma' dawk ta' l-Istati Membri l-oħra.

Il-Kummissjoni għandha tapprova l-pjani, emendati kif meħtieġ, bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 21.

Il-pjanijiet jistgħu sussegwentement jiġu emendati jew supplimentati, skond l-istess proċedura, sabiex jiġu kkunsidrati żviluppi fis-sitwazzjoni.

L-Artikolu 18

1. Esperti mill-Kummissjoni jistgħu, f'kollaborazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti, u safejn ikun meħtieġ sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva, jagħmlu kontrolli fuq il-post. Sabiex jagħmlu dan, huma jistgħu jikkontrollaw persentaġġ rappreżentattiv ta' stabbilimenti sabiex jaraw jekk l-awtoritajiet kompetenti humiex qegħdin jikkontrollaw li dawn l-istabbilimenti qegħdin jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri bir-riżultat tal-kontrolli mwettqa.

Stat Membru li fit-territorju tiegħu ikun qiegħed isir kontroll għandu jagħti l-għajnuna kollha lill-esperti fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom.

Id-dispożizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu determinati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 21.

L-Artikolu 19

Il-kondizzjonijiet dettaljati li jirregolaw il-kontribut finanzjarju tal-Komunità lejn il-miżuri konnessi ma' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva huma mniżżla fid-Deċiżjoni 90/424/KEE.

L-Artikolu 20

L-Annessi għandhom jiġu emendati, kif u meta jkun meħtieġ, mill-Kunsill permezz ta' maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni b'mod partikolari sabiex jiġu kunsidrati żviluppi fir-riċerka u fil-proċeduri dijanjostiċi.

▼**M1**

L-Artikolu 21

1. Il-Kumissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali stabbilit skond l-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 ([1]).

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom jiġu applikati l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ([2]).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli tiegħu ta' Proċedura.

▼**B**

L-Artikolu 22

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Jannar 1993. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan minnufih.

Meta Stat Membru jadotta dawn il-miżuri, dawn għandu jkollhom riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-riferenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif issir din ir-riferenza għandhom jiġu preskritti mill-Istati Membri.

L-Artikolu 23

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

([1]) ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23

▼B

L-ANNESS I

AWTORIZZAZZJONI LI JITNEĦĦA BAJD MINN RAZZETT MINGĦAJR ĦSARA GĦALL-KONDIZZJONI TA' L-ARTIKOLU 4(2)(e) TA' DIN ID-DIRETTIVA

L-awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtorità kompetenti sabiex jiġi ttrasportat bajd minn razzett suspettat li huwa soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(2)(e) lil stabbiliment approvat għall-manifattura u l-ipproċessar ta' prodotti tal-bajd skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 89/437/KEE, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-istabbiliment nominat, irid jissodisfa l-kondizzjonijiet segwenti:

1. sabiex ikun jista' jitneħħa minn intrapriża suspettata, il-bajd irid:
   (a) iħares ir-rekwiżiti stipulati fil-Kapitolu IV ta' l-Anness tad-Drettiva 89/437/KEE;
   (b) jintbagħat direttament mill-intrapriża suspettata lill-istabbiliment nominat; kull konsenja trid tiġi ssiġillata qabel ma tintbagħat mill-veterinarju uffiċjali tar-razzett suspettat u trid tibqa' ssiġillata matul it-trasport lejn l-istabbiliment nominat;
2. il-veterinarju uffiċjali ta' l-intrapriża suspettata għandu(għandha) jinforma (tinforma) lill-awtorità kompetenti ta' l-istabbiliment nominat dwar din l-intenzjoni li jintbagħtula l-bajd;
3. l-awtorità kompetenti responsabbli għall-istabbiliment nominat għandha taċċerta li:
   (a) bajd imsemmi f'1(b) jinżamm iżolat minn bajd ieħor mill-ħin ta' meta jaslu sa meta jiġu pproċessati;
   (b) il-qxur ta' dan il-bajd għandu jitqies bħala materjal ta' riskju għoli skond l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 90/667/KEE [1] u għandu jiġi ttrattat skond ir-rekwiżiti tal-Kapitolu II ta' dik id-Direttiva;
   (ċ) il-materjal li jintuża għall-ippakkjar, il-vetturi użati għat-trasport ta' bajd imsemmija f'1(b) kif ukoll il-postijiet kollha li magħhom il-bajd jiġu f'kuntatt huma mnaddfa u disinfettati b'tali mod li jiġi meqrud kull virus ta' l-għasafar;
   (d) il-veterinarju uffiċjali tar-razzett suspettat għandu jiġi infurmat dwar il-konsenji kollha ta' bajd proċessat.

[1] ĠU L 363, tas-27.12.1990, p. 51.

▼B

L-ANNESS II

PROĊEDURA GĦAT-TINDIF U GĦAD-DISINFETTAZZJONI TA' RAZZETT INFETTAT

I. **Tindif u disinfettazzjoni preliminari**

(a) Malli l-karkassi tat-tjur ikunu tneħħew sabiex jintremew, dawk il-partijiet tal-fond fejn ikunu ġew miżmuma t-tjur u kull parti ta' bini ieħor, btieħi eċċ. kontaminati waqt il-qtil jew eżami post-mortem għandhom jiġu sprejjati b'disinfettanti approvati għall-użu skond l-Artikolu 11 ta' din id-Direttiva.

(b) Kull tessut tat-tjur jew bajd li setgħu ikkontaminaw xi bini, btieħi, strumenti eċċ. għandhom jinġabru b'attenzjoni u għandhom jintremew flimkien mal-karkassi.

(ċ) Id-disinfettant użat irid jibqa' fil-wiċċ għal mill-inqas 24 siegħa.

II. **Tindif finali u disinfettazzjoni**

(a) Żejt u ħmieġ għandu jitneħħa minn fuq l-uċuħ kollha permezz ta' aġent li jneħħi ż-żjut u ħasil bl-ilma,

(b) Wara l-ħasil bl-ilma kif deskritt f'(a), għandu jiġi sprejjat iktar disinfettant,

(ċ) Wara sebat ijiem il-fond għandu jiġi trattat b'aġent li jneħħi ż-żjut, imlaħlaħ b'ilma kiesaħ, sprejjat b'disinfetant u mlaħlaħ għal darba oħra bl-ilma.

(d) Żibel u demel użati jridu jiġu ttrattati permezz ta' metodu li għandu l-kapaċità li joqtol il-virus. Dan il-metodu jista' jinkludi waħda mill-prattiki segwenti:

(i) inċinerazzjoni jew trattament bil-fwar b'temperatura ta' 70 °C;

(ii) dfin f'biżżejjed fond sabiex ma jkollhomx aċċess parassiti u għasafar slavaġ;

(iii) stivar u ippakkjar (jekk dan ikun meħtieġ sabiex tiġi ffaċilitata l-fermentazzjoni), kisi sabiex is-sħana tinżamm ġewwa b'tali mod li tintlaħaq temperatura ta' 20 °C, għal 42 jum sabiex ma jkollhomx aċċess parassiti u għasafar slavaġ.

▼B

L-ANNESS III

PROĊEDURI DIJANJOSTIĊI GĦALL-KONFERMA U DIJANJOSI DIFFERENZJALI TA' INFLUWENZA FL-GĦASAFAR (AI)

Il-proċeduri li ġejjin għall-iżolament u karatterizzazzjoni tal-*viruses* ta' l-influwenza ta' l-għasafar għandhom jitqiesu bħala indikazzjonijiet u bħala l-minimu li jrid jiġi applikat fid-dijanjosi tal-marda.

Għall-iskop tal-proċeduri dijanjostiċi għall-konferma u d-dijanjosi differenzjali ta' l-influwenza ta' l-għasafar għandha tgħodd id-definizzjoni li ġejja.

"Influwenza fl-għasafar" tfisser infezzjoni tat-tajr ikkawżata minn kull virus ta' l-influwenza A li għandu indiċi intravinuża ta' patoġeniċità fi flieles ta' sitt ġimgħat ikbar minn 1.2 jew kull infezzjoni b *viruses* ta' l-influwenza A tas-sottotip H5 jew H7 li għalihom l-issekwenzar nuklejotid wera l-preżenza ta' aċti bażiċi multipli fis-sit tal-qasma tal-*haemagglutinin*.

IL-KAPITOLU 1

Teħid u trattament ta' kampjuni

1. *Kampjun*

Kampjuni kloakali (jew tal-feċi) u kampjuni tat-trakea minn għasafar morda; feċi jew kontenuti ta' l-imsaren, tessuti tal-moħħ, trakea, pulmun, fwied, milsa u organi oħrajn li ovvjament huma affettwati minn għasafar li mietu riċentament.

2. *Trattament ta' kampjuni*

L-organi u t-tessuti elenkati fil-paragrafu 1 jistgħu jinġabru, imma huwa essenzjali li l-materjal tal-feċi jingħata trattament separat. Il-kampjuni għandhom jitpoġġew f'medjum antibijotiku suffiċjenti sabiex tiġi żgurata immersjoni sħiħa. Kampjuni ta' feċi u organi għandhom jiġu omoġenizzati (fi *blender* magħluq jew permezz ta' lida u mehrież u ramel sterili) f'medju antibijotiku u miġjuba għal sospensjonijiet ta' 10-20 % w/v fil-medjum. Is-sospensjonijiet għandhom jitħallew għal madwar sagħtejn f'temperatura ambjentali (jew għal perjodi itwal f' 4 °C) u mbagħad għandhom jiġu kkjarifikati permezz ta' ċentrifugazzjoni (eż. 800 sa 1 000 × g għal 10 minuti).

3. *Medjum antibijotiku*

Laboratorji differenti użaw diversi formulazzjonijiet ta' medjum antibijotiku b'suċċess u l-Laboratorji Nazzjonali jkunu jistgħu joffru pariri għal pajjiż partikolari. Konċentrazzjonijiet għoljin ta' antibijotiċi huma meħtieġa għal kampjuni ta' feċi u taħlita tipika hija: 10 000 unitajiet/ml peniċillina, 10 mg/ml streptomiċina, 0,25 mg/ml ġentamiċina u 5 000 unitajiet/ml mikostatina f'salina fosfata newtralizzata. Dawn il-livelli jistgħu jitnaqqsu sa ħames darbiet fir-rigward ta' tessuti u kampjuni ta' trakeja. Għall-kontroll ta' organiżmi ta' klamidja jistgħu jiġu miżjuda 50 mg/ml ossitetraċiklin. Huwa imperattiv meta jsir il-medju li l-pH jiġi kkontrollat wara ż-żjieda ta' l-antibijotiċi u riaġġustati għal pH 7,0- 7,4.

IL-KAPITOLU 2

Iżolament tal-virus

Iżolament tal-virus fil-bajd tat-tajr bl-embriju

Il-fluwidu supernatant kjarifikat għandu jiġi inokulat f'ammonti ta' 0,1- 0,2 ml ġewwa l-kavità allantoika ta' kull wieħed minn minimu ta' erba' bajdiet tat-tajr embrijoniċi li jkun ilhom inkubati għal tmienja sa għaxart ijiem. Idealment, dan il-bajd għandu jiġi miksub minn merħla speċifika ħielsa minn patoġeni, imma meta dan ma jkunx prattiku huwa aċċettabbli li jintuża bajd miksub minn merħla magħrufa li hija ħielsa mill-antikorpi ta' l-influwenza ta' l-għasafar. Il-bajd inokulat jinżamm fi 37 °C u jiġi eżaminat kuljum fid-dawl tax-xemgħa. Bajd b'embriji mejta jew li jkunu qegħdin imutu hekk kif jikbru, u l-bajd kollu li jifdal sitt ijiem wara l-inokulazzjoni għandu jiġ mkessaħ għal 4 °C u l-fluwidi allan-

▼B

tojċi-amnjotiċi għandhom jiġu ttestjati għal attività ta' *haemagglutination*. Jekk ma tinstab ebda *haemagglutination*, il-proċedura msemmija hawn fuq għandha tiġi ripetuta billi jintuża fluwidu allantojku/amnjotiku bħala inokulum.

Meta tinstab *haemagglutination* il-preżenza ta' batterji għandha tiġi eskluża permezz ta' kultura. Jekk ikunu preżenti batterji l-fluwidi jistgħu jingħaddew minn filtru tal-membrana ta' 450 nm, għandhom jiżdiedu iktar antikorpi u għandhom jiġu inokulati fil-bajd embrijunati kif imsemmi hawn fuq.

IL-KAPITOLU 3

Dijanjosi differenzjali

1. *Differenzazzjoni preliminari*

Minħabba li huwa importanti li jiġu implimentati miżuri ta' kontroll immirati sabiex tiġi limitata l-firxa tal-virus, kull laboratorju reġjonjali għandu jkun f'pożizzjoni li jidentifika kull virus iżolat li jagħmel *haemagglutination* bħala *viruses* ta' l-influwenza tas-sottotip H5 jew H7 flimkien mal-virus tal-marda ta' Newcastle. Il-fluwidi li jagħmlu *haemagglutination* għandhom jintużaw f'test ta' inibizzjoni ta' *haemagglutination* kif deskritt fil-Kapitoli 5 u 6. Inibizzjoni pożittiva i.e. 2^4, jew iżjed, b'antisera poliklonali għal sottotipi H5 jew H7 ta' l-influwenza A u ta' titru ta' mill-inqas 2^9 għandu jservi bħala identifikazzjoni preliminari li tippermetti l-impożizzjoni ta' miżuri ta' kontroll proviżorji.

2. *Identifikazzjoni ta' konferma*

Billi hemm 13-il sottotip ta' *haemagglutinin* u disa' sottotipi ta' newraminidaži ta' *viruses* ta' l-influwenza u billi jseħħu varjazzjonijiet ta' kull waħda min dawn m'huwiex la prattiku u lanqas ta' profitt għal kull laboratorju nazzjonali li jagħmel antisera li jippermetti karatterizzazzjoni sħiħa antiġenika ta' iżolati ta' l-influwenza. Madanakollu, kull laboratorju nazzjonali għandu:

(i) jikkonferma li l-iżolat huwa virus ta' l-influwenza A li juża test ta' diffużjoni rduppjata ta' l-immunità sabiex jiġu skoperti gruppi ta' antiġeni kif deskritti fil-Kapitolu 9 (immunoflworessenza jew tekniċi ELISA sabiex jinstabu antiġeni fi grupp jistgħu jintużaw jekk dawn huma preferuti mil-laboratorju nazzjonali);

(ii) jiddetermina jekk l-iżolat huwiex tas-sottotip H5 jew H7;

(iii) jwettaq test ta' indiċi tal-patoġeniċità intravenuża f'tiġieġ ta' sitt ġimgħat kif deskritti fil-Kapitolu 7. Indiċi intravenużi ta' patoġeniċità ta' iktar minn 1.2 jindikaw il-preżenza ta' virus li jirrikjedi implimentazzjoni sħiħa ta' miżuri ta' kontroll (ikun eżerċizzju utli jekk il-Laboratorji nazzjonali jwettqu wkoll testijiet li jiddeterminaw il-kapaċità ta' iżolat li jipproduċi karje f'kulturi ta' ċelloli kif speċifikat fil-Kapitolu 8).

Il-laboratorji nazzjonali għandhom jissottomettu immedjatament l-iżolati kollha ta' l-influwenza ta' l-għasafar u dawk H5 u H7 lil-laboratorju ta' Referenza tal-Komunità għal karatterizzazzjoni sħiħa.

3. *Ittipar u karatterizzazzjoni ulterjuri ta' l-iżolati*

Il-Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għandu jirċievi l-viruses haemagglutinating mill-laboratorji nazzjonali għal studji antiġeniċi u ġenetiċi ulterjuri sabiex wieħed ikun jista' jifhem aħjar l-epiżootjoloġija tal-mard(a) ġewwa l-Komunità Ewropea sabiex jinżammu l-funzjonijiet u d-doveri tal-laboratorju ta' referenza.

Flimkien ma' dawn id-doveri il-Laboratorju ta' Referenza Komunitarja għandu jwettaq tipar sħiħ aniġeniku għall-*viruses* ta' l-influwenza kollha li jkun irċieva. Għal viruses H5 u H7 li m'għandhomx indiċi intravenuži ta' patoġeniċità ikbar minn 1.2, għandu jitwettaq ukoll l-issekwenzar nuklejotid tal-ġene *haemagglutinin* sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx aċti amino bażiċi fis-sit tal-qasma tal-proteina *haemagglutinin*.

IL-KAPITOLU 4

Testijiet serjoloġiċi għal antikorpi tal-virus ta' l-influwenza ta' l-għasafar

1. Waqt programmi ta' eradikazzjoni fejn is-sottotip H tal-virus responsabbli jkun diġà magħruf, jew billi jintuża l-virus omologu bħal antiġen, sorveljanza seroloġika bħala xhieda ta' infezzjoni jista' jsir permezz ta' testijiet ta' inibizzjoni ta' *haemagglutination* kif dekritt fil-Kapitoli 5 u 6.

▼B

Jekk is-sottotip ta' l-*haemagglutination* ma jkunx magħruf, tista' tinkiseb evidenza għall-infezzjoni bil-*viruses* ta' l-influwenza A billi jinstabu antikorpi diretti lejn l-antiġeni speċifiċi tal-grupp.

Għal dan il-għan jista' jintuża jew test ta' diffużjoni irduppjata ta' immunità (kif deskritta fil-Kapitolu 9) jew test ta' ELISA (il-problema ta' l-ELISA hi l-ispeċifiċità tat-test minħabba li hija dipendenti fuq is-sejba ta' immunoglobulini ospiti). Tajr ta' l-ilma rari jagħti riżultati pożittivi fit-testijiet ta' diffużjoni irduppjata ta' immunità u, sakemm ma jkunx magħruf is-sottotip, probabbilment huwa prattiku biss li dawn l-għasafar jiġu eżaminati għall-preżenza ta' antikorpi tas-sottotipi H5 u H7.

2. (a) *Kampjuni*

Kampjuni tad-demm għandhom jittieħdu mill-għasafar kollha jekk id-daqs tal-merħla jkun inqas minn 20 u minn 20 għasfur minn merħliet ikbar (dan jagħti probabbiltà ta' 99 % li jinstab ta' mill-inqas serum wieħed pożittiv jekk 25 % jew iżjed mill-merħla tkun pożittiva, minkejja d-daqs tal-merħla). Id-demm għandu jitħalla jagħqad u s-serum għandu jitneħħa għall-ittestjar.

(b) *Eżami għal antikorpi*

Kampjuni individwali ta' serum għandhom jiġu ttestjati għall-abbilità tagħhom li jwaqqfu l-antiġen tal-virus *haemagglutinating* ta' l-influwenza f'testijiet standard ta' inibizzjoni kif definit fil-Kapitolu 6.

Jeżisti dubju jekk l-unitajiet ta' haemagglutinatin 4 jew 8 għandhomx jintużaw għat-testijet H1. Jidher li t-tnejn huma validi u l-għażla għandha titħalla fid-diskrezzjoni tal-laboratorji nazzjonali.

Madanakollu, l-antiġen użat jaffettwa l-livell ta' fejn is-serum huwa meqjus bħala pożittiv; — għal 4 HAU serum pożittiv huwa kull wieħed li juri titru ta' 2^4, jew iżjed, għal 8 HAU serum pożittiv huwa kull wieħed li juri titru ta' 2^3 jew iżjed.

IL-KAPITOLU 5

Test ta'haemagglutination (HA)

Reaġenti

1. Salin isotoniku newtralizzat bil-fosfat (0,05M) sa pH 7,0-7,4.

2. Ċelloli tad-demm ħomor (RBS) meħuda u miġbura minn minimu ta' tliet tiġiġiet speċifiċi ħielsa minn patoġeni (jekk mhux disponibbli d-demm jista' jittieħed minn għasafar regolarment issorveljati u li huwa magħruf li huma ħielsa minn antikorpi ta' l-influwenza ta' l-għasafar) f'volum ugwali tas-soluzzjoni Alsever. Iċ-ċelloli għandhom jinħaslu tliet darbiet fil-PBS qabel ma jintużaw. Għat-test l-ieħor hija rakkomandata sospensjoni ta' 1 % (ċellola ippakkjata v/v) fil-PBS.

3. Il-Laboratorju ta' Referenza Komunitarja għandu jissupplixxi jew jirrakkomanda viruses H5 u H7 ta' virulenza baxxa sabiex jintużaw bħala antiġeni standard.

Il-proċedura

1. Ferragħ 0,025 ml PBS f'kull bir ta' platt tal-plastik mikrotitru (bjar b'qiegħ V għandhom jintużaw).

2. Poġġi 0,025 ml ta' sospensjoni tal-virus (fluwidu allantojku) fl-ewwel bir.

3. Uża sustanza dilwita ta' mikrotitrazzjoni sabiex toħroġ sustanzi dilwiti doppji (1:2 sa 1:4 096) tal-virus fuq il-platt.

4. Ferragħ 0,025 ml PBS iktar f'kull bir.

5. Żid 0,025 ml ta' ċelloli tad-demm ħomor tal-1 % f'kull bir.

6. Ħallat billi ħabbat bil-mod u poġġihom f' 4 °C.

7. Il-platti jinqraw 30-40 minuta iktar tard meta ċ-Ċelloli ta' Demm Aħmar ta' kontroll jkunu qagħdu. Il-qari jsir billi wieħed ixaqleb il-platt u josserva l-preżenza jew in-nuqqas ta' linji f'forma ta' dmugħ ta' l-RBCs. Bjar mingħajr ebda HA għandhom inixxu bl-istess rata bħaċ-ċelloli ta' kontroll mingħajr virus.

8. It-titru HA hija s-sotanza dilwita l-iktar għolja li tikkawża agglutinazzjoni ta l-RBCs. Dik is-sustanza dilwita tista' titqies li fiha unità ta' HA (HAU). Metodu iktar preċiż sabiex jiġi stabbilit it-titru HA huwa li jsiru testijiet ta' HA fuq

▼B

virus mill-viċin ta' sustanzi inizjali dilwiti i.e. 1:3, 1:4, 1:5, 1:6, eċċ. Dan huwa rakkomandat għall-preparazzjoni preċiża ta' antiġen għal testijiet ta' inibizzjoni ta' *haemagglutination* (Il-Kapitolu 6).

IL-KAPITOLU 6

test ta' l-inibizzjoni ta' emaglutinazzjoni (HI)

Reaġenti

1. Soluzzjoni ta' newtralizzazzjoni ta' fosfat (PBS).
2. Virus li jkun fih fluwidu allantoiku dilwit bil-PBS sabiex ikun fih 4 jew 8 HAU għal kull 0,025 ml.
3. 1 % RBCs tat-tiġieġ.
4. Serum tat-tiġieġ ta' kontroll negattiv.
5. Serum ta' kontroll pożittiv.

Il-proċedura

1. Ferragħ 0,025 ml PBS f'kull bir ta' platt tal-plastik mikrotitru (bjar b'qiegħ V għandhom jintużaw).
2. Poġġi 0,025 ml serum fl-ewwel bir tal-platt.
3. Uża sustanza dilwita ta' mikrotitrazzjoni sabiex tagħmel sustanzi dilwiti doppji ta' serum fuq il-platt.
4. Żid 0,025 ml ta' fluwidu allantojku dilwit li jkunu fih 4 jew 8 HAU.
5. Ħallat billi tħabbat bil-mod u poġġi il-platt f' 4 °C għal minimu ta' 60 minuta jew f'temperatura ambjentali għal minimu ta' 30 minuta.
6. Żid 0,025 ml 1 % RBCs fil-bjar kollha.
7. Ħallat billi tħabbat bil-mod u poġġihom f' 4 °C.
8. Il-platti jinqraw 30-40 minuta iktar tard meta ċ-Ċelloli ta' Demm Aħmar ta' kontroll ikunu qagħdu. Dan isir billi wieħed ixaqleb il-platt u josserva l-preżenza jew in-nuqqas ta' linji f'forma ta' dmugħ bl-istess rata bħall-bjar ta' kontroll li fihom RBCs (0,025 ml u PBS (0,05 ml) biss.
9. It-titru HI huwa l-ogħla sustanza dilwita ta' antiserum li jikkawża inibizzjoni kompleta ta' erba' jew tmien unitajiet ta' virus (titrazzjoni HA sabiex tikkonferma l-preżenza ta' l-HAU meħtieġa għandha tiġi inkluża f'kull test).
10. Il-validità tar-riżultati tiddependi fuq li jinkiseb titru ta' inqas minn 2^3 għal 4 HAU jew 2^2 għal 8 HAU b'serum ta' kontroll negattiv u titru ta' sustanza dilwita waħda tat-titru magħruf tas-serum ta' kontroll pożittiv.

IL-KAPITOLU 7

Indiċi ta' Patoġeniċità Intravinuża (IVPI)

1. Fluwidu allantojku infettiv mil-livell ta' passaġġ l-iktar disponibbli, preferibbilment mill-iżolament inizjali mingħajr ebda selezzjoni, għandu jiġi dilwit f' 10^1 salina isotonika sterili.
2. 0,1 ml virus dilwit jiġi injettat b'mod intravinuż f'kull wieħed mit-tiġieġ ta' sitt ġimgħat (għasafar ħielsa speċifiċi patoġeni għandhom jintużaw).
3. L-għasafar huma eżaminati f'intervalli ta' 24 siegħa għal 10t ijiem.
4. F'kull osservazzjoni kull għasfur jiġi rrekordjat bħala normali (0), marid (1), marid (sew) jew mejjet (3).
5. Riżultati tar-rekord u indiċi ta' kalkolu kif murija f'dan l-eżempju:

Sinjali kliniċi	Ġurnata wara l-inokulazzjoni										Punteġġ totali
	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	
Normali	10	2	0	0	0	0	0	0	0	0	12 × 0 = 0
Marid	0	4	2	0	0	0	0	0	0	0	6 × 1 = 6

▼B

Sinjali kliniċi	Ġurnata wara l-inokulazzjoni										Punteġġ totali
	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	
Marid sew (*)	0	2	2	2	0	0	0	0	0	0	6 × 2 = 12
Mejjet	0	2	6	8	10	10	10	10	10	10	76 × 3 = 228
											Total = 246

Indiċi = punteġġ medju għal kull għasfur għal kull osservazzjoni = $\frac{246}{100} = 2{,}46$

(*) Dan irid ikun ġudizzju kliniku soġġettiv imma normalment dan jinvolvi għasafar li juru wieħed jew iżjed missinjali li ġejjin: involviment respiratorju, dipressjoni, dijarea, ċjanosi, ta' ġilda jew għalla mikxufa, edema tal-wiċċ u/jew ras, sinjali ta' nervi.

IL-KAPITOLU 8

Stima ta' kapaċità ta' formazzjoni ta' karje

1. Normalment l-aħjar ħaġa hi li tintuża marġni ta' sustanzi dilwiti tal-virus sabiex jiġi żgurat li numru ottimali ta' karje jkunu preżenti fuq il-platt. Sustanzi dilwiti għaxar darbiet sa 10^{-7} PBS għandhom ikunu biżżejjed.

2. Monosaffi konfluwenti ta' ċelloli ta' l-embrijun tal-flieles jew linja xierqa ta' ċellola (Madin-Darby kilwa tal-baqar per eżempju) għadhom jiġu preparati fi plattini Petri b'diametru ta' 5 ċm.

3. 0,2 ml ta' kull sustanza dilwita tal-virus għandhom jiġu miżjuda ma' kull wieħed mill-platti Petri u l-virus għandu jitħalla jassorbi għal 30 minuta.

4. Wara ħasil ta' tlett darbiet bil-PBS iċ-ċelloli infettati għandhom jinksew bil-medjum relevanti li jkun fih 1 % w/v agar u jew 0,01 mg/ml tripsin jew ebda tripsin. Huwa importanti li ebda serum ma jiżdied mal-medjum ta' kisi.

5. Wara inkubazzjoni ta' 72-il siegħa fi 37 °C il-karje għandhom ikunu ta' daqs suffiċjenti. Wieħed jista' jarahom l-aħjar billi jneħħi l-kisja ta' agar u jtebba' l-monosaff ta' ċelloli bi kristall vjola (0,5 % w/v) f25 % v/v etanol.

6. Il-*viruses* kollha għandhom jagħtu karje ċara meta inkubati fil-preżenza ta' tripsin fil-kisja. Meta t-tripsin ikun assenti mill-kisja *viruses* virulenti għattiġieġ biss jipproduċu l-karje.

IL-KAPITOLU 9

Immunodoublediffusion **(Diffużjoni ta' immunità doppja)**

Il-metodu preferut sabiex tintwera l-preżenza ta' l-influwenza A huwa li jintwera l-pussess tan-nukleokapsid jew antiġeni matriċi li jinsabu fil-virus kollha ta' l-influwenza A. Ġeneralment dan isir permezz ta' testijiet ta' diffużjoni ta' immunità doppja li jinvolvu jew preparazzjonijiet ta' virus konċentrati jew membrani infettati korjoallantoiċi.

Preparazzjonijiet adattati ta' virus konċentrat jistgħu jsiru permezz ta' ċentrifugazzjoni sempliċi b'veloċità għolja ta' fluwidu allantojku infettiv u distruzzjoni tal-virus sabiex jiġu rilaxxati l-antiġeni interni nuklejokapsidi u ta' matriċi permezz ta' trattament bid-deterġent sodju lawrojl sarkosinat. Tista' tintuża wkoll preċipitazzjoni ta' aċidu billi jiżdiedu 1N HCl mal-fluwidu allantojku infettiv sabiex jintlaħaq pH finali ta' 3,5-4,0, bi tkessiħ għal mill-inqas siegħa f'0 °C u ċentrifugazzjoni b'veloċità baxxa ta' 1 000 g għal 10 minuti.

Is-supernatant jista' jintrema u l-preċipitat li fih il-virus jista jiġi sospiż mill-ġdid f' volum minimu ta' gliċina- sarkosil newtralizzat (1 % sodju lawrojl sarkosinat newtralizzat għal pH 9,0 b0,5M gliċina). Dawn il-preparazzjonijiet jippossiedu antiġeni kemm nuklejokapsidi u matriċi.

Beard (1970) iddeskriva il-preparazzjoni ta' antiġen rikk fin-nuklejokapsid minn membrani korjoallantijċi mneħħija minn bajd infettat. Dan il-metodu jinvolvi: it-tneħħija ta' membrani korjoallantojċi minn bajd ta' *haemagglutinin* pożittiv u infettat, fhin jew omoġenizzazzjoni tal-membrani, friżar u tidwib għal tliet darbiet segwit b' ċentrifugazzjoni ta' 1 000 g għal 10 minuti. Il-boċċa għandha tintrema u s-supernatant għandu jiġi ttrattat b0,1 % formalina sabiex jintuża bħala antiġen.

▼B

Kull wieħed minn dawn iż-żewġ antiġeni jista' jintuża f'testijiet ta' diffużjoni ta' immunità doppja permezz ta' 1 % ġel ta' l-agarożi, jew ta' l-agar, li jkun fihom 8,0 % sodju klorid proċessat sa 0.1M fosfat *buffer* pH 7,2. Il-virus ta' l-influwenza A huwa kkonfermat minn linji ta' preċipitin iffurmati mill-antiġen tat-test u antiġen pożittiv magħruf li jsir massa waħda b'tali mod li jagħti linja ta' identità.

▼B

L-ANNESS IV

LISTA TA' LABORATORJI NAZZJONALI TA' INFLUWENZA TA' L-GĦASAFAR

Il-Belġju	Institut National de Recherches Vétérinaires, Groeselenberg 99, B-1180 Brussel
Id-Danimarka	National Veterinary Laboratory, Poultry Disease Division, Hangoevej 2, DK-8200 Aarhus N
Il-Ġermanja	Institut für Kleintierzucht der Bundesforschungsanstalt für Landwirtschaft, Braunschweig-Völkenrode, Postfach 280, D-3100 Celle
Franza	Centre National d'Etudes Vétérinaires et Alimentaires — Laboratoire Central de Recherches Avicoles et Porcines, B. P. 53, F-22440 Ploufragan
Il-Greċja	Ινστιτούτο Λοιμωδών και Παρασιτικών Νοσημάτων 66, 26ης Οκτωβρίου, GR-54627 ΘεσσαλονίκηInstitute of Infections and Parasitological Diseases, 66, 26th October Street, 546 27 Thessaloniki
L-Irlanda	Veterinary Research Laboratory, Abbotstown, Castleknock, Dublin 15
L-Italja	Istituto Patologie Aviaire, Facoltà di Medicina Veterinaria, Università di Napoli, via Aniezzo, Falcone 394, I-80127 Napoli F Delpino 1
Il-Lussemburgu	Institut National de Recherches Vétérinaires, Groeselenberg 99, B 1180 Brussel
L-Olanda	Centraal Diergeneeskundig Instituut, Vestiging Virologie, Houtribweg 39, NL-8221 RA Lelystad
Il-Portugall	Laboratório Nacional de Investigaçao Veterinária (LNIV), Estrada de Benfica 701, P-1500 Lisbon
Spanja	Centro Nacional de Referencia para la Peste Aviar es el Laboratorio Nacional de Sanidad y Producción Animal de Barcelona, Zona Franca Circunvalación-Tramo 6, Esquina Calle 3, Barcelona
Ir-Renju Unit	Central Veterinary Laboratory, New Haw, UK-Weybridge, Surrey KT15 3NB
▼A1	
Awstrija	Bundesanstalt für Virusseuchenbekämpfung, Wien-Hetzendorf
Finlandja	Eläinlääkintä- ja elintarvikelaitos, Helsinki/Anstalten för veterinärmedicin och livsmedel, Helsingfors
Svezja	Statens veterinärmedicinska anstalt, Uppsala
▼A2	
Ir-Repubblika Ċeka	Státní veterinární ústav Praha, Sídlištní 24/136, 165 03 Praha 6
L-Estonja	Veterinaar- ja Toidulaboratoorium, Väike-Paala 3, 11415 Tallinn
Ċipru	Εργαστήριο Αναφοράς για τις Ασθένειες των Ζώων, Κτηνιατρικές Υπηρεσίες, 1417 Λευκωσία (National Reference Laboratory for Animal Health Veterinary Services, CY-1417 Nicosia)
Il-Latvja	Valsts veterinārmedicīnas diagnostikas centrs, Lejupes iela 3, LV-1076 Rīga
Il-Litwanja	Nacionalinė veterinarijos laboratorija, J. Kairiūkščio g. 10, LT-2021 Vilnius
L-Ungerija	Országos Állategészségügyi Intézet (OÁI), Pf. 2., Tábornok u. 2., H-1581 Budapest
Malta	Istituto Zooprofilatico Sperimentale delle Venezie, Padova, Italy

▼A2

Polonja	Laboratorium Zakładu Chorób Drobiu Państwowego Instytutu Weterynaryjnego, Al. Partyzantów 57, PL-24-100 Puławy
Is-Slovenja	Nacionalni veterinarski inštitut, Gerbičeva 60, SI-1000 Ljubljana
Is-Slovakkja	Štátny veterinárny ústav, Pod dráhami 918, SK-96086 Zvolen

▼B

L-ANNESS V

LABORATORJU TA' REFERENZA TAL-KOMUNITÀ GĦALL-INFLUWENZA TA' L-GĦASAFAR

Isem tal-laboratorju

Central Veterinary Laboratory,
New Haw,
UK-Weybridge,
Surrey KT 15 3NB,
United Kingdom.

Il-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-laboratorju ta' referenza tal-KE għall-influwenza ta' l-għasafar għandhom ikunu:

1. li jikkoordina, waqt li jikkonsulta mal-Kummissjoni tal-KE, il-metodi li jintużaw fl-Istati Membri għad-dijanjosi ta' l-influwenza ta' l-għasafar. B'mod speċifiku billi:
   (a) isir tipar, stivar u forniment ta' razez tal-virus ta' l-influwenza ta' l-għasafar għal testijiet serjoloġiċi u t-tħejjija ta' antisera;
   (b) jiġi pprovdut sera standard u reaġenti oħrajn ta' referenza lil-Laboratorji Nazzjonali ta' referenza sabiex jiġu standardizzati t-testijiet u r-reaġenti użati fl-Istati Membri;
   (ċ) jkun hemm kostruzzjoni u żamma ta' ġabra ta' razez u iżolati tal-virus ta' l-influwenza ta' l-għasafar;
   (d) jorganizza testijiet kumparattivi perjodiċi ta' proċeduri ta' dijanjosi fuq livell Komunitarju;
   (e) jiġbor u jgħaqqad flimkien *data* u tagħrif dwar il-metodi tad-dijanjosi użat u r-riżultati tat-testijiet imwettqa fil-Komunità;
   (f) issir karatterizzazzjoni ta' iżolati ta' *viruses* ta' l-influwenza ta' l-għasafar permezz ta' l-iktar metodi aġġornati sabiex wieħed jifhem aħjar l-epizootjoloġija ta' l-influwenza ta' l-għasafar u sabiex wieħed jifhem iżjed l-epizootjoloġija tal-virus u l-emerġenza ta' razez li huma patoġeniċi ħafna u potenzjalment patoġeniċi;
   (g) iżomm aġġornat ma' l-iżviluppi fis-sorveljanza, epiżootjoloġija u prevenzjoni fid-dinja kollha;
   (h) jkun hemm kompetenza esperta dwar il-virus ta' l-influwenza ta' l-għasafar u *viruses* pertinenti oħrajn sabiex tkun tista' ssir dijanjosi differenzjali rapida;
   (i) jakkwista għerf dwar it-tħejjija u l-użu tal-prodotti ta' immunoloġija veterinarja użati sabiex tiġi eradikata u kkontrollata l-influwenza ta' l-għasafar;
2. li jassisti b'mod attiv id-dijanjosi ta' każijiet ta' l-influwenza ta' l-għasafar fi Stati Membri billi jirċievi iżolati tal-virus għal dijanjosi, karatterizzazzjoni u studji epiżootjoloġiċi ta' natura konfermatorja. B'mod partikolari, il-laboratorju għandu jkun kapaċi jwettaq analiżi ta' sekwenzar nuklejotid li jippermetti li ssir determinazzjoni tas-sekwenza dedotta ta' aċidu amino fis-sit tal-qasma tal-molekula ta' *haemagglutin* ta' viruses ta' l-influwenza ta' l-għasafar tas-sottotip H5 jew H7,
3. li jiffaċilita t-taħriġ jew it-taħriġ mill-ġdid ta' esperti f'dijanjosi ta' laboratorji bil-għan li jiġu armonizzati t-tekniki matul il-Komunità.

▼B

L-ANNESS VI

KRITERJI GĦAL PJANIJIET TA' KONTINĠENZA

Il-pjanijiet ta' kontinġenza għandhom jissodisfaw ta' mill-inqas il-kriterji li ġejjin:

1. it-twaqqif ta' ċentru ta' kriżi fuq livell nazzjonali, li għandu jikkoordina l-miżuri kollha tal-kontroll fl-Istati Membri interessati;
2. għandhom jipprovdu lista taċ-ċentri tal-kontroll lokali tal-mard bil-faċilitajiet adegwati sabiex jikkoordinaw il-miżuri tal-kontrol fil-livell lokali;
3. għandha tingħata informazzjoni dettaljata dwar l-istaff involut fil-miżuri ta' kontroll, il-kapaċitajiet tagħhom u r-responsabbiltajiet tagħhom;
4. kull ċentru lokali tal-kontroll tal-marda jrid ikun jista' jagħmel kuntatt rapidu mal-persuni/organizzazzjonijiet li huma involuti direttament jew indirettament fil-mixija tal-marda;
5. għandhom ikunu disponibbli t-tagħmir u l-materjali sabiex il-miżuri tal-kontroll tal-marda jitwettqu kif jixraq;
6. struzzjonijiet dettaljati għandhom jiġu pprovduti fuq azzjoni li trid tittieħed malli jkun hemm suspett u konferma ta' infezzjoni jew kontaminazzjoni, inklużi mezzi proposti tar-rimi ta' karkassi;
7. għandhom jiġu stabbiliti programmi ta' taħriġ sabiex iżommu u jiżviluppaw l-abbiltajiet fuq il-post u l-proċeduri amministrattivi;
8. il-laboratorji dijanjostiċi jrid ikollhom faċilitajiet għal eżami post-mortem, il-kapaċità meħtieġa għal seroloġija, istoloġija eċċ. u jrid ikollhom is-sengħa għal dijanjosi rapida. Iridu jsiru arranġamenti għat-trasport rapidu tal-kampjuni;
9. għandhom jiġu pprovduti d-dettalji tal-kwantità ta' tilqim ta' influwenza ta' l-għasafar stmata li hija meħtieġa f'każ li jerġa' jiddaħħal tilqim ta' emerġenza;
10. għandhom isiru dispożizzjonijiet sabiex jiġu żgurati l-poteri legali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' kontinġenza.